MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## DOREEN CLARKE

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1655/2005

**Maltacom Plc**

**vs**

**Rosianne Pace**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat f'l-10 ta' Awissu 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' sebgha mija sitta u ghoxerin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm726.61) dovuta in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21822882 installat fil-fond Flat 2 Blk G Ent B Fuq tal-Hawli Vittoriosa, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-

Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet notifikat b’l-avviz permezz ta’l-affissjoni u publikazzjoni naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas s-somma ta’ sebgha mija sitta u ghoxerin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm726.61) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------